MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 512/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Stefano Persiano, ta' 23 sena, bin Lawrence u Susan nee` Bugeja, mwieled Pieta' nhar it-23 t''Awissu 1986, residenti Blk 1, Door 1, Flat 1, Bin ital-Gvern, Triq il-Gzira, Gzira, u detententur tal-karta tal-Identita numru 392586M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Jannar, 2010, ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (23:30hrs), gewwa x-Xatt ta' Tax-Xbiex, Ta' Xbiex:

1. Ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Sandra k/a Alexandra Cauchi u dank if iccertifikat minn Dr. Agnes Cachia Pickald M.D. t’ l-Isptar Mater Dei;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gab ruhu b’mod li tgha fastidju lil Sandra k/a Alexandra Cauchi, b’mod li kien jaf, jew missu kien jaf li b’ghemilu kien ta’ fastidju lill-istess persuna imsemmija;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Sandra k/a Alexandra Cauchi, biza’ li ser issir vjolenza fuq persuntha jew il-propjeta` taghha;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Sandra k/a Alexandra Cauchi bil-kliem;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kwiet tal-paci pubblika bl-ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ta’ li ghamel u skuza ruhu ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218(1)(a), 251A, 251B, 339(d), 338(dd) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9  tal-Ligjiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Sandra k/a Alessandra Cauchi ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------